20 ta' Diċembru, 1946.
Imħallfin:
Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

**Edward George Arrigo ne. *versus* Prof. Dr. Vincenzo Gatt ne.**

**Soċjetà — Azzjoni — Boll —**
**Art. 59 u 60 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1918.**

***Meta persuna tikkonferixxi f'soċjetà u ssir soċju fiha, u għalhekk tiġi mogħtija azzjoni fis-soċjetà, il-kuntratt li bih issir is-sottoskrizzjoni u tiġi mogħtija l-azzjoni għandu jsir bil-miktub u ma jkunx jista legalment u ma jkunx produċibili f'ġudizzju qabel ma jkun debitament bollat skond ma tiddisponi l-Ordinanza tal-Bolli.***

***Dan jingħad anki għall-każijiet fejn l-azzjonista ma jkunx għadu ħallas is-somma kollha sottoskritta u ma jkunx għadu ħallas l-azzjoni.***

Il-Qorti, — Rat ir-rikors ta'l -atturi fejn ippremettew illi huma "proprio et nom ne" permezz tal-konsulent legali tagħhom, issottomettew lill-Kollettur ta' l-"Imposts and Lotto", għall-finijiet ta' l-art. 28 (1) (ċ) ta' l-Ordinanza tal-Bolli, l-kweżit jekk il-konferiment f'soċjetà anonima, ċjoè s-sotto-

skrizzjonijiet ta' l-azzjonijiet kostitwenti l-kapital soċjali tas-soċjetà anonima li kienu sejrin jikkostitwixxu bejniethom taħt l-isem "The Malta Tug and Lighter Services, Limited", huwiex suġġett għal xi taxxa tal-boll, u f'każ affermativ l-indikazzjoni ta' l-ammont ta' din it-taxxa, u dan permezz ta' ittra tat-12 ta' Settembru 1946; illi b'ittra tat-30 ta' Settembru 1946; illi b'ittra tat-30 ta' Settembru 1946, l-intimand irrisponda illi l-"allotment" ta' l-azzjonijiet ta' l-imsemmija soċjetà anonima fil-kuntratt in ispeċje huma soġġetti għat-taxxa tal-boll in bażi għall-artikolu 59 (2) ta' l-imsemmija Ordinanza; illi l-atturi ħassew ruħhom aggravati minn din id-deċiżjoni; u għalhekk talbu illi dik id-deċiżjoni tiġi revokata, u jiġi minflok deċiż illi s-sottoskrizzjoni u d-diviżjoni ta' l-azzjonijiet tas-soċjetà li sejra ssir bejn ir-rikorrenti ma humiex soġġetti għal ħlas tal-boll stabbilit fl-art. 59 (2) ta' l-Ordinanza tal-Boll; bl-ispejjeż kontra l-intimand;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi skond l-art. 60 ta' l-Ordinanza fuq imsemmija, "every conveyance on sale or other contract or negotiation made in conformity with commercial or exchange usages and relating to securities, shares or certificates mentioned in the last preceding section shall, when executed in Malta, be made out in writing"; u fis-subsection (2) dak l-artikolu jgħid illi "in default of such formality such conveyance, contract or negotiation, shall not be valid as entitling to a right of action and shall not be admissible as evidence in any proceedings, unless it is duly stamped in accordance with the provisions of the last preceding section". U l-art. 59, li għalih hemm riferenza f'dik id-dispożizzjoni, fis-subsection (2) tiegħu jgħid: — "There shall be charged on every instrument of purchase, transfer, assignment, or negotiation of any other security......... whereby any share or stock of any company or body of persons is purchased, transferred, assigned or in any other manner negotiated by or on behalf of any person being in Malta, a stamp duty of etc..........."

Din il-Qorti fil-kawża fuq imsemmija ("Vassallo vs. Sam-

mut'", 19. 12. 45) ikkommentat din id-dispożizzjoni, kif ukoll dik ta' l-art. 60, u rriteniet illi huwa evidenti ill persuna li trid tikkontribwixxi f'soċjetà anonima u tkun soċju ta' l-istess soċjetà, u għalhekk lilha tiġi mogħtija azzjoni, dak il-kuntratt li b h tiġi mogħtija dik l-azzjoni lil dan is-sottoskrivent ma jkunx jista' jsir u jkollu validità legali u jkun produċibili f'ġudizzju, jekk ma jkunx hemm dak l-istrument li trid u timponi l-liġi. u dak l-istrument għandu jiġi bollat. Hawn il-l ġi riedet tikkolpixxi u kkolpiet kwalunkwe kuntratt u mhux biss il-kuntratt tat-trasferiment; u għalhekk ikkolpiet neċessarjament anki meta l-promoturi ta' soċjetà ġdida jkunu, in vista tal-valur ta' l-azzjoni li tiġi mħallsa mill-kontribwent jagħtuh l-azzjoni, u għalhekk jinvestuh bil-proprjetà ta' dik l-azzjoni;.

T kkunsidra;

Illi f'dan il-każ l-atturi ssottomettew illi huma għadhom ma ħallsux l-azzjoni, għaliex ġie pruvat illi 90% biss sa issa ġie konferit minn kull azzjonista, u għalhekk l-azzjoni ma ġetx mogħtija lilhom skond it-termini tal-kuntratt. Infatti skond l-art. 6 tal-kuntratt li sar bejn il-partijiet, "share certificates shall not be issued to shareholders until the full amount subscribed by them shall have been paid up". Iżda hemm id-dispożizzjoni ta' l-art. 5. fis-sezzjoni tal-"Company's Capital Share". fejn hemm hekk:— "The capital of the Company is £70,000. d vided into 700 shares of £100 each, allotted to appearers as follows..........."; u mbagħad hemm irripartizzjoni ta' l-azzjonijiet skond kull soċju. Dan ifisser illi lil kull soċju ġie "allotted" (assenjat) dak in-numru ta' azzjonijiet hemm speċifikati, u l-obl gu ta' kull soċju huwa "to pay all or part of the shares subscribed by them as and when required by the Board of Directors". Dawk l-azzjonijiet isiru ta' dak is-soċju għalkemm waqt il-kuntratt kien għadu ma ħallas xejn, salv l-obligu tiegħu li jħallas il-kapital sottoskritt. Dan jiġi anki konfermat minn dak li hemm fil-paragrafu 7 tal-kuntratt. illi jgħid illi "after the expiration of one month. reckoned from............ the defaulting share holder inv ting him to pay any sum which may have become due, the Com-

pany shall have the right to sell his shares to the highest bidder from amongst the other share holders for account and at the risk of the said defaulting share holder............. The Company shall retain from the proceeds of such sale the sum due for the shares and interests. Any eventual surplus shall be paid to the defaulting subscriber, who shall however remain liable for the payment of any balance which may still be due to the Company after the sale of such shares". Dan juri biċ-ċar illi l-azzjoni, għalkemm ma ġietx imħallsa fil-mument tal-kuntratt, saret ta' proprjetà ta' l-istess soċju; u allura taqa' taħt id-dispożizzjoni fuq imsemmija ta' l-art. 59;

Tikkunsidra;

Illi xejn ma jiswa dak li ssottomettew l-atturi illi fil-mument tal-kuntratt is-soċjetà kienet għadha ma ġietx in eżistenza; għaliex din il-liġi speċjali tal-boll, probabilment biex tevita dik id-diffikultà, qalet espressament "whereby any share or stock of any company or body of persons"; u fid-dizzjoni Maltija hemm il-kliem "meta b'dak l-att azzjoni jew kapital ta' soċjetà jew korp ta' persuni". Għalhekk dawn l-aħħar kliem jipprevedu l-każ illi s-soċjetà għadha ma ġietx in eżistenza, u intant l-azzjoni hija ta' korp ta' persuni, kif inhu l-każ. Imbagħad, kif inhu risaput, u kif dejjem ġie ritenut sew mill-Qrati tagħna sew anki mit-tribunali akkreditati ta' pajjiżi oħra, illi f'din il-materja speċjali tal-boll it-tribunal għandu jara x'ried il-leġislatur f'din il-liġi speċjali indipendentement minn teoriji applikabili għal każijiet oħra. Di fronti għal dawk il-kliem tal-liġi jidher illi d-deċiżjoni tal-Collector of Imposts and Lotto hija korretta;

Tikkunsidra;

Illi għalhekk mhuwiex ta' rilevanza l-fatt li "actu" fil-mument tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt il-konferiment kien għadu ma sarx, għalkemm sar wara ġranet għal-limiti ta' 90%, kif jirriżulta mix-xhieda ta' Edward Arrigo; għaliex jekk jiġri l-każ, li skond dik ix-xhieda jkun improbabili, li l-kapital ma jkunx sottoskritt kollu, allura salva kwalunkwe kwistjoni ta' preskrizzjoni, tista' tiġi l-kwistjoni jekk meta tispiċċa s-soċjetà, u "actu" l-kapital ma jkunx maħruġ kollu.

ix-share holder li jkun ħallas il-boll fuq il-kapital minnu promess ikunx jista' jkollu xi drittijiet kontra l-Collector of Imposts and Lotto — kwistjoni li tibqa' impreġudikata;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddikjara u tiddeċidi illi deċiżjoni mogħtija mill-Collector of Imposts and Lotto hija korretta, u tiġi konfermata, u għalhekk tirrespinġi l-appell magħmul kontra dik id-deċiżjoni mill-atturi proprio et nomine, u tordna illi l-ispejjeż ma jkunux taxxati bejn il-partijiet, minħabba n-novità u l-fattezzi speċjali tal-każ.